MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2014

Numru. 625/2010

**Il-Pulizija**

**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Paul Sciberras**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Paul Sciberras detentur tal-karta tal-identita` numru 110583(M).

Akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer fid-9 ta' Mejju 2010 ghal habta ta' nofs in-nhar (12:00pm) gewwa l-Ghassa ta' San Giljan bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, akkuza lil Silvio Agius u lil Mary Grace Micallef quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li kienu innocenti.
2. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ta fastidju lil Silvio Agius u lil Mary Grace Micallef;
3. Aktar talli irrenda ruhu recediv u talli kiser Ordni tal-Qorti moghti nhar l-20 ta' Awissu 2009 moghti mill-Magistrat Dr J Apap Bologna LL.D.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni li barra li tinfliggi piena mil-Ligi, jekk jidhriha xieraq tipprovdi ghas-sigurta` ta' Silvio Agius u Mary Grace Micallef jew biex tinzamm l-ordni pubblika, jekk ghall-iskop ta' protezzjoni taghhom minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza;

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni saiex minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-Ligi, jekk jidhrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta` ta' Silvio Agius u Mary Grace Micallef billi taghmel Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-imputat;

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-Ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` ta' Silvio Agius u lil Mary Grace Micallef jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew

minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti;

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni li jekk jidhrilha xieraq tobbliga lill-imputat b'obbligu msahhah bi pleggerija;

Rat il-fedina tal-imputat.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali fejn ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz ix-xhieda kollha inkluz tal-imputat Paul Sciberras; u

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tikkonsisti f'allegat rapport falz lill-pulizija ta' San Giljan fejn l-imputat irraporta li kien gie aggredit b'tazza go wiccu meta darba wahda kien hiereg minn Havana gewwa Paceville u skont hu gie wiehed jghidulu il-Behiela li kien flimkien mal-ex gharusa tieghu Mary Grace u dan tah daqqa go wiccu bil-konsegwenza li kkagunalu ferita gravi.

Illi gara illi meta mill-ghassa ta' San Giljan baghtu ghal MaryGrace u dan behhielu li jismu Silvio Agius, dawn qalulu li qatt ma kienu Paceville dak in-nhar tad-9 ta' Mejju 2010 izda l-ewwel kienu l-Fortress gewwa Xemxija flimkien ma' hbieb u wara marru d-dar tal-istess Silvio Agius fil-vicinanzi.

Illi meta l-pulizija ta' San Giljan regghu kkonfrontaw lill-imputat b'dak li kienu qalulhom MaryGrace u Silvio Agius, dan kien qallhom li kien ha zball izda kien xi hadd iehor li kien tah id-daqqa. Dan kollu xehduh WPC 245 Christina Delia li rredigiet ir-rapport (Dok TM1) u l-istess surgent Ramon Mifsud Grech fix-xhieda tieghu datata 4 ta' Ottubru, 2010.

Illi minn naha taghhom il-parte civile MaryGrace Micallef u Silvio Agius regghu ikkonfermaw bil-gurament il-verzjoni tal-fatti li kienu taw fl-ghassa ta' San Giljan mill-bidu nett u ziedu illi dak il-lejl meta nqala' l-incident fuq Sciberras,

dan kien cempel lil Mary Grace ezatt wara li kien qala' d-daqqa u qalla x'kien garalu. MaryGrace Micallef min-naha taghha iddeskriviet kif l-imputat kien ilu jimmolesta lilha u lil Silvio billi ddeskriviet xi incidenti partikolari li kienu graw qabel dan l-incident.

Illi finalment xehed l-imputat Paul Sciberras illi ta l-verzjoni tieghu li dakinhar ried jghid illi kien jahseb illi Silvio Agius baghat lil dik il-persuna bl-isem ta' Keith Frendo jaghtih daqqa ta' tazza izda dak in-nhar kien konfuz.[1]

Illi l-Qorti ma tistax temmen il-verzjoni li ta l-imputat illi dakinhar meta ghamel ir-rapport u semma' isem il-Behiela, huwa ried jghid illi hu kien baghat lil dik il-persuna biex itih daqqa, u dan ghaliex meta ghamel ir-rapport huwa ma kienx ghadu konfuz jew stordut. Illi ghal xi raguni, l-imputat ried ipattiha lil Silvio ghaliex kien qieghed mal-ex gharusa tieghu u din kienet dak il-mod sabiex ipattihielu. Illi l-Qorti thoss illi r-reat ta' fastidju ma giex ippruvat ghaliex l-akkuza kif giet impustata tirreferi ghal dik il-gurnata tar-reat biss u mhux ghal xi perjodu antecedenti.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 251 (A), 101 (1) (b), 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Art 23 tal-Kap 446, qed issib lill-imputat Paul Sciberras

[1] Kopja tal-atti tal-kawza li kien hemm kontra Keith Frendo rigwardanti dan l-incident tinsab inserita fl-atti ta' din il-kawza a fol. 50 et. Seq. tal-process.

hati biss tal-ewwel u t-tielet akkuza u a rigward l-ewwel akkuza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal tlettax il-xahar prigunerija sospizi ghal sentejn filwaqt li ghat-tielet akkuza tikkundannah ghal multa ta' hames mitt Ewro (€500) li hija l-piena bbazata fuq l-akkuzi li kellu l-imputat fis-sentenza precedenti datata 20 ta' Awwissu 2009, mill-Magistrat J. Apap Bologna fejn huwa kien inghata piena taht l-Artikolu 22 tal-Kap 446 u sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------